MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 886/1993/2

**Michael D'Amato bhala legittimu rapprezentant ta' ibnu minuri John; u b' digriet tal-Qorti tal-11 ta' Lulju 2000 John D'Amato qed jassumi l-atti f'ismu proprju**

**Vs**

**Filomena armla ta' Joseph Spiteri, Mary mart Stephen Zarb u l-istess Stephen Zarb bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Joseph Spiteri, Elizabeth mart Nazzareno Sacco u l-istess Nazzareno Sacco bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Maria Yolanda mart Alfred Vella u l-istess Alfred Vella bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Maria Milva mart Mario Farrugia u l-istess Mario Farrugia bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu;**

**Dun Pawl Buttigieg bhala Kappillan tal-Knisja ta' B'Bugia; u b' digriet ta' l-24 ta' Settembru, 1993, il-Kappillan Joseph Farrugia gie nominat kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-assenti Dun Paul Buttigieg;**
**U n'nota tad-19 ta' Gunju 2001 Vincent Ciliberti, agent ekonomu ta' Mons. Arcisqof, Amministratur tal-Beni ta' l-Entitajiet Religjuzi ghad-Djocesi ta' Malta assuma l-atti tal-kawza minflok il-Kappillan Joseph Farrugia;**
**Anthony Camilleri bhala president u Alexander Caruana bhala segretarju tal-Kazin tal-Banda Socjeta` Filarmonika ta' B'Bugia;**
**Saviour Fenech bhala president u Martin Zammit bhala segretarju tal-kazin tal-Banda ta' San Pietru;**
**Michael Aquilina bhala legittimu rapprezentant ta' ibnu minuri Michael Aquilina;**
**Dr. Kenneth Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-Fogg Limited u dawna bhala agenti tas-socjeta` estera ALS Motor Policies at Lloyd's and Avon Ins Plc.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-27 ta' Lulju 1993 li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fl-4 ta' Awissu 1991 fl-12:00 p.m. jew ghall-habta ta' nofs in-nhar, l-attur *nomine* flimkien ma' certu Michael Aquilina kien jinsab gewwa gnien pubbliku li jinsab biswit il-bajja ta' San Gorg f' Birzebbugia jistennew li jasal il-marc ta' B' Bugia f' San Gorg;

Premess illi fil-*weekend* meta sehh l-incident kien hemm ic-celebrazzjoni tal-festa ta' San Pietru u billi fil-lejl ta' qabel, jigifieri is-Sibt fil-ghaxija f' dan il-gnien kien sar il-loghob tan-nar, inkluz il-"kaxxa infernali";

Premess illi l-attur *nomine* u l-habib tieghu Michael Aquilina sabu landa li kien fiha xi skart u bdew iqabbdu xi karti;

Premess illi l-imsemmi Michael Aquilina ta n-nar lil-landa u telaq jigri;

Premess illi fil-landa kien hemm xi fdalijiet ta' murtal li ntuzaw il-lejl ta' qabel u mal-kuntatt man-nar dawn splodew;

Premess illi l-attur *nomine* kien vicin tal-landa b' hekk huwa sofra feriti ta' natura gravi li rrizultaw f' dizabilita` permanenti;

Premess illi l-Magistrat inkwirenti zamm access fuq il-post flimkien ma' l-esperti minnu mahtura u ghalhekk qieghed jigi esebit kopja tal-process verbal (Dok. B);

Premess illi kif jirrizulta mill-istess process verbal fil-manifattura tal-loghob tan-nar kien hemm xi irregolaritajiet bi ksur ta' l-Artikolu 8 ta' l-avviz legali numru 5 ta' l-1981 peress illi ntuza l-plastic ghall-iskratacc fil-manifattura ta' l-istess nar;

Premess illi mill-akkwati l-esperti elevaw xi tracci tal-plastic;

Premess illi huwa necessarju obbligatorju li tintalab mill-persuna inkarigata minn dan in-nar il-licenzja tal-pulizija li tawtorizza sparar ta' bombi jew murtali;

Premess illi hija r-responsabilita` tal-persuna li jkollha din il-licenzja li taghmel dak kollu li hu mehtieg biex wara tnehhi dawk il-murtali li ma jkunux splodew;

Premess illi fl-incident in kwistjoni l-inkarigat fuq imsemmi kien certu Joseph Spiteri izda dan ma talabx il-hrug ghall-permessi u l-licenzja necessarja lill-pulizija;

Premess illi Joseph Spiteri miet wara l-incident in kwistjoni u ghalhekk qeghdha tigi mharrka l-armla tieghu Filomena u uliedha bhala l-werrieta tieghu;

U premess illi l-festa hija organizzata miz-zewg kazini tal-Banda flimkien mal-konvenut Dun Pawl Buttigieg;

Premess illi l-attur *nomine* qieghed iressaq il-kawza odjerna kontra min seta' kellu responsabilita` ghall-incident;

Premess illi l-incident sehh tort ta' negligenza, traskuragni, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti vigenti mill-konvenuti jew min minnhom;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ta' l-incident fuq deskritt ta' l-4 ta' Awissu 1991 f' Birzebbugia meta l-attur *nomine* wegga', kien fil-periklu tal-mewt u sofra dizabilita` permanenti, u dan billi kien hemm negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti vigenti mill-konvenuti jew min minnhom kif fuq indikat jew konsegwentment;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur *nomine* fl-incident imsemmi wara li tikkunsidra l-eta` tenera tieghu, id-dizabilita` li huwa sofra u l-effett psikologu ta' l-incident fuq imsemmi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom *in solidum* ghall-hlas ta' danni fuq likwidati lill-attur *nomine* bl-imghax mid-data dovuta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Camilleri u Alexander Caruana bhala President u Segretarju rispettivament tal-Kazin tal-Banda Socjeta`

Filarmonika ta’ Birzebbugia, ipprezentata fis-16 ta’ Awissu 1993 li permezz taghha huma eccipew:-

1. Illi t-talbiet ta’ l-attur *nomine* fil-konfront ta’ l-eccipjenti *nomine* huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti *nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet ta’ l-Avukat Dottor Kenneth Grima *nomine* pprezentata fit-18 ta’ Awissu 1993 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Preliminarjament illi huwa mhux il-legittimu kontradittur u ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa m’ ghandux ir-rapprezentanza tas-socjeta` Fogg Limited;

2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramenta tal-konvenut Dr. Kenneth Grima *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Saviour Fenech bhala President u Martin Zammit bhala Segretarju tal-Kazin tal-Banda ta’ San Pietru, ipprezentata fis-26 ta’ Awissu 1993, li fiha eccepew:-

1. Preliminarjament, in-nullita` tad-dikjarazzjoni u kwindi tac-citazzjoni peress li l-attur ma ddikjarax li hu personalment jaf il-fatti dikjarati kif jirrikjedi r-Regolament 11 (6) ta’ l-Avviz Legali 35/1993; inoltre, l-eccipjenti jaghmluha cara minn issa li, f’ kull kaz u bla pregudizzju, id-dikjarazzjoni li pprezenta l-attur mac-citazzjoni (jekk titqies valida) ghandha titqies li hi x-xhieda ta’ l-istess attur (a tenur ta’ l-istess Regolament);

2. Illi minghajr pregudizzju u fil-meritu, l-esponenti jecepixxu illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront taghhom peress illi l-Kazin taghhom ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-hruq tan-nar gewwa l-gnien pubbliku li jinsab biswit il-bajja ta' San Gorg f' Birzebbugia, u, ghalhekk, mhumiex responsabbli ghad-danni li seta' sofra iben l-attur;

3. Salv, jekk ikun hemm bzonn, eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti *nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Filomena armla ta' Joseph Spiteri, Mary mart Stephen Zarb u l-istess Stephen Zarb bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Joseph Spiteri, Elizabeth mart Nazzareno Sacco u l-istess Nazzareno Sacco bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Maria Yolanda mart Alfred Vella u l-istess Alfred Vella bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Maria Milva mart Mario Farrugia u l-istess Mario Farrugia bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu,ipprezentata fl-1 ta' Settembru 1993 u li permezz taghha eccipew:-

1. Illi la l-mejjet Joseph Spiteri zewg l-armla Filomena Spiteri u missier l-eccipjenti l-ohra u lanqas huma ma ghandhom ebda responsabilita` ghall-incident in kwistjoni u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez fil-konfront taghhom;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-Kappillan Dun Giusepp Farrugia mharrek bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-assenti Dun Pawl Buttigieg li permezz taghha eccepixxa:-

1. Preliminarjament, li hu gie citat hazin bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-assenti Dun Pawl Buttigieg billi dan ta’ l-ahhar kien il-predecessur tieghu fil-parrokat ta’ Birzebbugia u kien jagixxi dejjem f’ din il-kwalita` u qatt personalment tant li, fic-citazzjoni stess, l-imsemmi Dun Pawl Buttigieg gie mharrek “bhala Kappillan tal-Knisja ta’ Birzebbugia” dak li m’ghadux u ma kienx meta giet ipprezentata c-citazzjoni. L-istanza, kwindi, kien imissa saret kontra l-eccipjenti bhala l-Kappillan attwali ta’ Birzebbugia jew, izjed korrettement imhabba c-centralizzazzjoni f’ idejn Monsinjur Arcisqof, kontra l-ekonomu ta’ l-istess Monsinjur Arcisqof, Amministratur ta’ l-Entijiet Religjuzi Djocesani kollha ta’ Malta ghan-nom u fl-interess tal-Knisja Parrokkjali ta’ San Pietru, Birzebbugia. L-eccipjenti ghalhekk, fil-libsa li fiha gie mharrek, ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Fil-meritu u bla hsara tal-premess, id-domandi attrici huma, fil-konfront tal-Kappillan ta’ Birzebbugia, infondati billi l-Kappillan ma kienx responsabbli ghal loghob tan-nar li allegatament ta lok ghall-incident imsemmi fic-citazzjoni;

Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-decizjoni moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-24 ta’ Mejju 1994 rigward l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Saviour Fenech u Martin Zammit liema eccezzjoni giet michuda;

Rat id-digriet tal-21 ta’ Ottubru 1994 li permezz tieghu gie nominat bhala perit legali Dr. Joseph Azzopardi bis-soliti fakoltajiet;

Rat id-digriet tal-25 ta’ Mejju 1998 li permezz tieghu gie nominat bhala perit mediku Dr. Anthony Galea Debono;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali Dr. Joseph Azzopardi li tinsab a fol. 165 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tas-7 ta’ April 2000;

Rat in-nota ta’ l-attur John D’Amato pprezentata fis-6 ta’ Marzu 2001 li permezz taghha assuma l-atti tal-kawza stante li kien sar maggorenni u fl-istess waqt ceda t-talbiet tieghu fil-konfront ta’ Dr. Kenneth Grima fil-kwalita` tieghu ta’ mandatarju;

Rat ir-relazzjoni tal-perit mediku Dottor Anthony Galea Debono li tinsab a fol. 260 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tas-27 ta’ Jannar 2003;

Rat l-affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Rat in-noti pprezentati mill-kontendenti;

Rat il-verbal tat-28 ta’ Mejju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-kwistjoni tar-responsabilita`;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Mill-fatti prodotti f' dan il-kaz, li ta lok ghall-incident li fih il-minuri John D'Amato sofra griehi personali, jirrizultaw dawn l-aspetti saljenti:-

I. Nhar il-festa ta' San Pietru (4 ta' Awissu 1991) filwaqt li l-midrub imsemmi, tfajjel ta' 13-il sena, u siehbu Michael Aquilina, ta' l-istess eta` tieghu, kienu fi gnien pubbliku, dan ta' l-ahhar xeghel sulfarina, tefaghha f' landa ta' l-iskart li splodiet u kkagunat lezjonijiet fuq il-persuna ta' l-istess John D'Amato;

II. Michael Aquilina (fol. 173) jistqarr li t-tnejn li huma kienu qed jilghabu bin-nar. Fl-istess nifs jghid ukoll illi ma jafx ghaliex xi hadd minnhom kellu kaxxa sulfarini. Kemm dan ix-xhud kif ukoll l-attur (fol. 171) jinnegaw li kienu qed ifittxu l-murtali, ghalkemm l-attur jikkonfessa wkoll li hu sab il-murtal fit-tank taz-zibel flimkien ma' karti tal-festa. Jghid ukoll li malli tefa' s-sulfarina siehbu telaq jigri (Affidavit, fol. 100). Aktar tard jghid li "mhux telaq jigri, imma resaq lura" (fol. 172);

III. Mistoqsi jekk kienx jaf li kienu qed jaghmlu hazin, l-attur xengel rasu l-isfel u ma wegibx (fol. 172);

IV. Gie accertat mill-Maggur Albert Camilleri (fol. 175) espert nominat mill-Magistrat inkwirenti, illi l-framment minnu elevat u ezaminat kien jikkonsisti minn skartocc tal-plastic ta' madwar pulzier u nofs dijametru, li mhux suppost intuza billi l-iskratacc tal-plastic huma vjetati mil-ligi (Avviz legali ta' l-1981);

V. Irrizulta bhala fatt illi lejliet il-festa, anke jekk ma kienx hemm permess ghal dan, inharaq nar mill-gnien in kwestjoni. Skond ix-xhud Lawrence Aquilina (fol. 193), membru tal-Kazin tal-Banda u segretarju tas-sottokumitat tan-nar ta' l-istess Kazin, fil-gnien kellhom kaxxa stoppini. Skond ix-xhud Joseph Camilleri (fol. 190) dawn ma jkunx fihom bomba. Eppure ix-xhud Joseph Zammit (fol. 194), membru ta' l-istess kazin, jippreciza li oltre l-istoppini tal-kulur, seta' kien hemm ukoll xi bomba: "Kienet kaxxa, b' bomba qabel u ohra wara";

VI. Anthony Camilleri (fol. 178), President tal-Banda Socjeta` Filarmonika San Pietru, jghid li l-Kazin kellu loghob ta' l-art, stoppini tal-pulzier u Roman Candles bla bomba. Responsabbli min-nar kien it-titolar tal-licenzja, ossija Joseph Spiteri (Ara wkoll deposizzjoni ta' l-Ispettur Patrick Spiteri, fol. 177). L-imsemmi Anthony Camilleri jghid li bhala nar ma jiftakarx jekk il-kazin tieghu kellhomx tal-plastic (fol. 185). Invece, Guzeppi Bonnici (fol. 181) membru tal-kumitat tal-banda San Pietru, jghid li qatt ma ordnaw tal-plastic izda biss skratacc bil-kartun. Skond Martin Zammit (fol. 180) segretarju tal-kazin tal-Banda San Pietru jghid li l-bombi taghhom jahdimhom certu Dalli u lil Spiteri qatt ma nkarigawh;

VII. Diversi xhieda, fosthom Taddu Agius (fol. 186), Francis Azzopardi (fol. 187), Anglu Fenech (fol. 188), Peter Camilleri (fol. 189), Joseph Camilleri (fol. 190), Lawrence Aquilina (fol. 193) u Joseph Zammit (fol. 194) ilkoll ikkonfermaw illi huma kienu keccew lill-attur u lil siehbu minn hdejn l-ghalqa fejn kien jigi sparat in-nar. Dan f' diversi okkazjonijiet. Anzi x-xhud Lawrence Aquilina (fol. 194) jikkonferma li hu kien ukoll osserva lit-tfal jaharqu l-istoppini u jitfawhom il-bahar u ra wkoll Pulizija jwaqqafhom;

Dan premess, l-indagini li trid issir hi dik li jigi stabbilit jekk il-konvenuti citati biex jirrispondu ghad-danni ghandhomx kollha, jew uhud minnhom, jitqiesu fi htija ghal hsara subita mill-attur. Ukoll ghandu jigi ezaminat jekk dan ta' l-ahhar bhala l-persuna danneggjata kkontribwiex ghal, jew ikkagunax il-hsara li garrab. Certament f' kazijiet konsimili kollox jiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz;

L-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jippreciza li "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu";

Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extra-kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali *in subjecta materia*, u tennuncja l-principju in virtu ta' liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li

jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu;

Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew kulpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenza u nuqqas ta' hsieb tal-*bonus paterfamilias* [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi *in criminalibus* ghan-nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali;

Jidhru, imbaghad, skond id-duttrina legali illi jezistu kriterji ohra li jaghmlu riferiment ghall-element tar-riskju. Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti ta' l-illecitu, huma rikonoxxuti u accettati wkoll aspetti ta' responsabilita` specjali in rigward ghall-evitabilita` tal-hsara. Jinghad a propositu fid-decizjoni fl-ismijiet "**Annunziato D'Amato *et* –vs- Joseph Camilleri *et*",** Appell Civili, 3 ta' Marzu 1958 illi "meta l-att li kkaguna d-danni kien jikkonsisti fil-manegg ta' haga perikoluza, ir-responsabilita` ta' min ghamel dak l-att hija assoluta; u min irid jehles minn dik ir-responsabilita` hu tenut jipprova, jew il-fatt tat-terz jew il-*vis major"*;

Hu ta' rilevanza f' dan il-kaz illi uhud mill-konvenuti kienu qed jimmaniggaw jew jaghmlu uzu ghall-iskopijiet tal-festa minn haga perikoluza bhal ma hu l-loghob tan-nar. Ix-xjenza fihom tal-perikolizita` u riskju bhal dan hu evidenti hafna anke minn dak kummentat mix-xhud Anglu Fenech (fol. 188). Dan jistqarr difatti illi "it-tfal keccejnihom qabel inharaq in-nar. Dan ghax perikoluz, mhux affarijiet tat-tfal";

Tant kienu konxji minn dan l-istat ta' perikolu illi fid-deposizzjonijiet taghhom dawk involuti, kemm bhala membri tas-sottokumitat tan-nar tal-kazini rispettivi, kemm bhala responsabbli mill-hruq tan-nar, jirrikorru ghad-dmir

imperanti, u fuqhom inkombenti bir-regolamenti ta' l-Avviz Legali Numru V ta' l-1981. Hekk jinghad li n-nar kien il-hin kollu mghasses, u wara l-hruq tad-diversi bicciet ta' piroteknika, kien jigi assikurat li tabilhaqq "in-nar ikun inharaq kollu" (fol. 189). Jinghad ukoll li huma kienu jiehdu hsieb "jigbru l-oggetti li jaqghu" (Joseph Zammit, fol. 194), jigi "zbarazzat" u "kklerjat kollu" (Lawrence Aquilina, fol. 193) u "li jigu mpjegati tal-Gvern ha jbattlu l-laned taz-zibel fil-gnien" (Anthony Camilleri, fol. 184);

Ma ghandux ikun dubitat illi meta wiehed jizvolgi attivita` li minn natura stess taghha u tal-mezzi adoperati tista' titqies perikoluza, bhal fil-kaz tal-hruq tal-loghob tan-nar, huwa jenhtieglu jiddimostra li ha hsieb japplika l-mizuri idonei u l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex jevita l-hsara. L-oneru ta' prova bhal din tispetta lilu u ghandha tkun ukoll wahda rigoruza. Xejn ma tiswa' s-semplici prova negattiva illi hu ma kkommetta l-ebda vjolazzjoni ta' dover, izda jinkombi fuqu li juri manifestament u bi prova pozittiva, illi huwa addotta kura u prudenza biex jilqa' kontra l-possibilita` ta' konsegwenzi dannuzi;

Huwa ghalhekk ta' utilita` f' dan l-istadju li jigu accertati dawk il-fatti dimostrattivi tan-ness ta' kawzalita` ta' l-istess fatti in relazzjoni ghall-kondotta tal-konvenuti, jew ta' l-attur innifsu, ma' l-event dannuz. Fi kliem iehor, jokkorri li jigi individwat jekk l-inosservanza ta' l-obbligu posittiv tal-kondotta, fuq il-bazi tal-gudizzju tal-kawzalita`, ikkonducietx ghall-event dannuz;

Fuq din it-tema l-attur donnu jikkampa l-veduta tieghu fuq dawk l-aspetti traccjati fis-sentenza fl-ismijiet "**Michael Vella –vs- Joseph Bajada ghall-Kazin tal-Banda Saint Andrews Band ta' Hal Luqa**", Appell, Sede Inferjuri, 16 ta' Marzu 1963. *Inter alia* fiha ntqal illi "l-Kazin konvenut hu responsabbli ghal fatt proprju, apparti mill-kulpa in eligendo. L-ezoneru tal-Kazin mir-responsabilita` tieghu in bazi ghall-Artikolu 1080 (illum Artikolu 1037, Kodici Civili) ghal fatt ta' haddiehor ma tnehhilux ir-responsabilita` tieghu ghal fatt tieghu stess, konsistenti filli hu inkarika lil haddiehor biex jaghmel l-isparar f' dak il-

post meta seta’ facilment jigi prevedut li setghet issir hsara lill-attur, u meta l-istess attur kien, *a tempo debito*, ipprotesta u ddiffida lil Kazin permezz tal-Pulizija.”;

Fil-fehma tal-Qorti apparti l-korrettezza ta’ l-aspetti guridici fiha kontenuti, din l-istess sentenza ma tiggjovax lill-attur in kwantu l-fatti fil-kaz partikulari kienu *toto coelo* divers mill-kaz prezenti;

Il-vera kwestjoni ghall-attenzjoni tal-Qorti f’ dan il-kaz ma tirrigwardax strettament l-uzu ta’ loghob tan-nar ipprojbit u mhux konfezzjonat skond ir-regolamenti. Dan se mai kien jaghti lok ghall-azzjoni penali minhabba ksur tar-regolamenti. Setghet ukoll isservi ta’ bazi ghar-responsabilita` civili purche` jirrizulta dejjem *nesso causale.* Lanqas ma tirrigwarda l-hruq tan-nar fil-gnien meta ma kienx hemm permess awtorizzat ghal dak il-lok. Kif taraha din il-Qorti, mill-kumpless tal-fatti, dak li ghandu maggorment jigi rigwardat huwa jekk il-Kazin u t-titolari tal-licenzja hadux il-prekawzjonijiet mehtiega biex jigi skongurat kull dannu ghal persuni jew ghal proprjeta`. Dannu li seta’ wkoll ikun prevedibbli ta’ l-event in kwantu ghal konfigurazzjoni tal-htija. Dan ghaliex jibqa’ dejjem validu l-monitu li “d-dover li jiehu hsieb li ma jigrix id-dannu hu ta’ min ikun ser jaghmel l-att li mbaghad igib id-dannu” (**Vol. XLII P I p 74**). Dan, *multo magis*, imbaghad, meta l-att ikun jinvolvi, bhal f’ dan il-kaz, manipular ta’ loghob tan-nar, altament riskjuz, kif sfortunatament jixhdu l-grajjiet tragici ta’ pajjizna f’ dan il-kuntest;

Minn evalwazzjoni tal-provi din il-Qorti, bhal perit legali qabilha, ma tarax kif tista’ tigi akkollata htija fuq il-kazini konvenuti jew fuq it-titular tal-licenzja. Il-Qorti ma tikkondividix il-fehma ta’ l-attur illi l-kondotta taghhom kienet xi wahda razenti t-traskuragni u n-nuqqas ta’ diligenza. Kif gja fuq rilevat, jirrizulta bhala stat ta’ fatt, mhux zmentit jew kontradett, illi huma mhux biss widdbu diversi drabi lill-attur u lil siehbu izda addirittura keccewhom mid-dintorni tal-post rizervat ghall-isparar. Hekk ukoll irrizulta illi huma hadu l-prekawzjonijiet kollha

mehtiega biex jghassu l-istess loghob tan-nar, u wara l-hruq tieghu, li jingabar id-debris, jitnaddaf kullimkien u jkun assikurat ukoll li n-nar inharaq kollu;

Dawn l-elementi ta’ kondotta pozittiva huma kontrastati mill-kondotta negattiva ta’ l-attur u ta’ siehbu Michael Aquilina kif hekk jirrizulta minn pluralita` ta' fatti. Nonostante t-twiddib li sarilhom, volontarjament, u anke b’ dixxerniment, huma ttrasgredew t-twissijiet, armaw ruhhom b’ kaxxa tas-sulfarini bl-iskop li jirricerkaw il-fdalijiet tal-loghob tan-nar u dak l-attimu li seta’ jaghtihom l-aqwa esaltazzjoni u l-akbar sodisfazzjoni bl-applikazzjoni tan-nar. Dan b’ rizultat tragiku ghalihom;

Issa hu minnu, kif maghruf, illi t-tfal spiss drabi ghandhom dak li jissejjah “*mischevious propensity*”, li jingibdu ghal dawk l-affarijiet li huma ta’ perikolu, b’ mod li allura l-iskartocc f’ dan il-kaz jista’ jinghad li kien xi ‘allurement’ jew xi ‘*trap’* jew xi ‘*concealed danger’.* (A propositu ta’ dan ara decizjonijiet fl-ismijiet “**John Debono *et* –vs- Neg. Joseph Muscat proprio *et* nonime**”, Appell Kummercjali, 26 ta’ Frar 1960 u “**Nicholas Mallia –vs- Saviour Baldacchino”**, Appell kummercjali, 12 ta’ Dicembru 1989). Ragjonevolment ghalhekk meta dan hu hekk konoxxut min hu responsabbli ghandu juza attenzjoni massima u jassikura ruhu, b’ adempiment shih tal-ligi u tar-regolamenti u bit-tehid ta’ mizuri effettivi, biex jilqa’ ghal sitwazzjonijiet konsimili;

Minn naha l-ohra mhux mistenni illi l-mizuri prekawzjonali adoperati jigu infranti mir-ricerkaturi ta’ l-att illecitu u abuziv. Jirrizulta li kemm l-attur kif ukoll siehbu kienu konxji tal-fatt li kienu qed jaghmlu hazin u li kienu qed jesponu lilhom infushom ghar-riskju meta marru “*festa bunting*” (ara certifikat mediku, fol. 7), armati b’ kaxxa sulfarini, bl-iskop format u pre-koncertat illi jaghtu n-nar lil kaxxa partikolari taz-zibel fejn jum qabel kienu osservaw lil xi hadd iqieghed basket bil-murtali fiha (Ara l-atti tal-Process Verbal, fol. 10);

F’sitwazzjoni bhal din ma setax jonqos li fl-azzjoni hekk proposta l-attur jigi rinfaccjat bl-invokazzjoni tal-principju legali “*volenti non fit iniuria*”, gjaladarba, fi kliem **Charlesworth** (“On Negligence”, 5th Ed., pagna 364), kif rakkolt fis-sentenza “**Doreen Fenech –vs- Francis Agius**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 7 ta’ Marzu 1997, huwa stess “*freely and voluntarily with full knowledge of the nature and extent of the risk he ran impliedly agreed to incur it*”. Tali kienet l-imgieba tieghu u tali l-verita` l-aktar akkreditata f’ dan il-kaz sfortunat;

Dejjem in riferenza ghall-precitata massima guridika tghodd ukoll din is-silta rakkolta mill-opra omonima ta’ l-awtur imsemmi. *“A person who makes an agreement with another, either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run.”*

Il-ftehim bejn l-attur u siehbu kien jirrivesti dak espress f’ din silta, kummentata u approfondita ghalkemm f’ direzzjoni xort’ ohra fid-decizjoni fl-ismijiet “**Paul Vassallo** ***et*** **–vs- Carmelo Pace**”, Appell Civili, 5 ta’ Marzu 1986;

B’ ri-epilogu ta’ dak kollu fuq riferenzjat, din il-Qorti, anke jekk tissimpatizza ma’ l-infortunju ta’ l-attur, ma tarax kif il-pretensjoni tieghu tista’ tkun meritevoli ta’ gustifikazzjoni u akkoljiment;

Kif fuq espost, il-Qorti ma tirravviza l-ebda ness ta’ kawzalita` bejn il-komportament u l-kondotta tal-persuni konvenuti, salv fil-kaz ta’ Michael Aquilina, sieheb l-attur, u l-event li fih l-attur issubixxa danni personali ta’ entita` apprezzevoli. L-incident kien unikament provokat mill-istess attur u siehbu. L-imgieba taghhom tista’ ghalhekk titqies bhala l-kawza esklussiva tad-dannu konsegwit mill-fatt jew att illecitu taghhom stess. Tali att ma jistax, u, anzi, ma ghandux, kif hekk pretiz mill-attur, jigi fronteggjat lill-konvenuti bl-iskop li b’ hekk jigu newtralizzati l-konsegwenzi ta’ l-illecitu kommess minnu stess. Illecitu, li fl-opinjoni tal-Qorti, jibqa’ l-uniku fattur determinanti li

ggenera l-perikolu ghall-istess attur, u r-riskju tad-danni subiti.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi in bazi ghall-provi rakkolti u tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula fir-rigward ta' l-element tar-responsabilita` ghall-incident li sehh fl-4 ta' Awissu 1991 u li fih l-attur sofra lezjonijiet ta' natura gravi, tichad it-talbiet ta' l-istess attur.

In vista tac-cirkostanzi partikulari ta' dan il-kaz kull parti ghandha tbati l-ispejjez proprji tal-kawza, salv li l-attur jibqa' responsabbli wkoll ghall-hlas tad-dritt tar-Registru u dawk relattivi ghall-konvenut Dr. Kenneth Grima *nomine* li fil-konfront tieghu l-azzjoni giet ceduta permezz ta' Nota a fol. 244 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------